MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 539/2004

**Vicky u Mario konjugi Bartolo**

**vs**

**Raymond Sammut, Bertha Sammut, Charlie Sammut u Dr. Patrick Valentino u l-PL Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati b'digriet ta' l-15 ta' Lulju tas-sena 2004 sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Gino Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Ottubru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi konjugi Bartolo sejhu lill-konvenuti fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Illi jhallsu lill-atturi dik is-somma likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti servigi, kuri u assistenzi rezi, pprestati mill-atturi, lill-mejtin Guzeppa Sammut u Angela Sammut li mietu fl-4 ta’ Frar ta’ l-1999 u l-15 ta’ Marzu tas-sena 2001 rispettivament, skond l-annessi certifikati tal-mewt immarkati Dok “A” u Dok “B” u li l-konvenuti huma l-eredi taghhom;

2. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata l-25 ta’ Mejju tas-sena 2004 kontra l-konvenuti li jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

3. Ghal fini ta’ kompetenza, qieghed jigi dikjarat li l-ammont ma jeccedix is-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fuq indikati datata t-18 ta’ Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha eccepew is-segwenti;

1. Illi f’dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza peress illi ghalkemm intbaghtet korrispondenza lill-assenti, (Dok A) f’indirizz moghti mill-avukat tal-kontro-parti, l-assenti ma wegibx din il-korrispondenza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ix-xhieda guramentata tal-marixxall Grixti li nforna lill-qorti li meta mar jinnotifika l-avviz lill-konvenuti fir-residenza taghhom, irrifjutaw l-istess notifika;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi r-rifjut ta’ l-avviz mill-konvenuti Raymond u Charlie Sammut li sar mill-indirizz tar-residenza taghhom ipoggihom f’pozizzjoni ferm infelici;

Illi dawn ovvjament jigbdu maghhom lill-konvenuta Bertha Sammut stante li hi tghix fl-istess indirizz taghhom;

Rat l-artikolu 187 tal-Kap 12 u tiddikjara li n-notifika giet debitament effettwata;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti;

1. Illi l-atturi kienut jiehdu hsieb b’mod kontinwu lil Guzeppa u bintha Angela Sammut fil-perjodu bejn l-1991 – 2001;

2. Illi l-atturi kienu jmorru ghand l-imsemmija Guzeppa u Angela Sammut kuljum – inkluz is-Sibtijiet u l-Hdud;

3. Illi tal-kura u assistenza kollha moghtija jirrizulta li l-atturi qatt ma hadu xejn;

4. Illi din l-assistenza u kura kienet tinkludi tisjir specjali regolari; facendi domestici; hasil tal-hwejjeg; indafa personali u trasport;

5. Illi l-imsemmija Guzeppa u Angela kienu invalidi;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-atturi gie koncess lilhom li jipprezentaw komputazzjoni dawn ghazlu li ma jipprezentawx dan id-dokument;

Ikkunsidrat:

Illi stante li l-perjodu involut hu wiehed konsiderevoli, hi kostretta tapplika l-artikolu 2156 tal-Kap 16;

Ikkunsidrat:

Illi stante li l-atturi naqsu milli jipproducu komputazzjoni huma stess, din il-qorti hi kostretta tikkalkola l-kwantum involut “arbitrio boni viri”;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun analisi prudenti li x-xoghlijiet domestici fuq riferiti, flimkien ma servigi ohra rezi lill-imsemmija Guzeppa u Angela Sammut, ghall-perjodu ta’ hames snin ghandu jkun ekwivalenti ghal erbat elef Lira Maltin (LM4,000.00,0);

Ghaldaqstant, din il-qorti hija sodisfatta li s-servigi effettivament gew rezi mill-atturi kif fuq intqal;

1. Tiddikjara li l-atturi hu lilhom dovut ammont ta’ flus bhala hlas ghas-servigi minnhom rezi kif fuq indikat;

2. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi Vicky u Mario konjugi Bartolo fl-ammont ta’ erbat elef Lira Maltin, (LM4,000.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenuti Raymond Sammut, Bertha Sammut, Charlie Sammut u lil Dr. Patrick Valentino u PL Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Gino Sammut biex ihallsu lill-atturi Vicky u Mario konjugi Bartolo s-somma ta’ erbat elef Lira Maltin, (LM4,000.00,0), hekk likwidata u dan, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-25 ta’ Mejju tas-sena 2004.

Marisa Borg

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------